# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Dicembru, 2017.**

**Rikors Numru 87/2015 SM**

**Joseph Feilazoo**

**vs.**

**Direttur tal-Habs**

**u**

**b'digriet datat l-24 ta' Mejju, 2016,**
**isem l-intimat gie sostiwit bl-isem**
**Direttur (Servizzi Korrettivi)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat l-1 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fit-2 t'April, 2014, ipprezenta protest fejn ilmenta mis-segwenti:

1.1.1. Serq ta' proprjeta` tieghu minn ufficjali tal-habs; u

1.1.2. Maltrattament kontinwu mill-awtoritajiet tal-habs ammontanti ghal trattament inuman u degradanti;

1.2. Illi l-awtoritajiet hemm indirizzati baqghu ma rrispondewx ghall-istest protest;

1.3. Illi ghadu jigi immaltrattat b'mod serju u jigi intimidat;

1.4. Illi ghall-habta tas-6.00a.m. fl-4 ta' Dicembru, 2013, gie:

1.4.1. Imqajjem b'sabta;

1.4.2. Immanetjat;

1.4.3. Saret tfitxija fic-cella tieghu; u

1.4.4. Imkaxkar fl-ufficju ta' lis-*"Special Response Team* fejn ezaminatu infermiera;

1.5. Illi f'dan l-ufficju:

1.5.1. Tnezza gharwien;

1.5.2. Saret tfitxija fuq persuntu;

1.5.3. Gie mgieghel joqghod kokka biex issir tfitxija ezawrjenti;

1.6. Illi meta dahlu l-ufficjali *de quo* fic-cella tieghu ghall-gharrieda jirrizulta li kien rieqed;

1.7. Illi sussegwentement inghata biss qalziet ta' taht x'jilbes;

1.8. Illi meta talab li jinghata hwejgu lura, dan gie rifjutat u minflok inghata kutra mahmuga li kellha riha t'awrina;

1.9. Illi kien akkuzat li kien *"ring leader"* fil-habs u li ma missux ilmenta;

1.10. Illi l-istess gara fl-10.00a.m. fil-25 t'April, 2014, fejn ufficjali tal-habs regghu marru fic-cella tieghu fejn regghu talbuh:

1.10.1. Jinza;

1.10.2. Biex jaghmlulu *"strip search"*;

1.11. Illi ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex issir din l-*"istrip search" stante* li:

1.11.1. La johrog mill-habs; u

1.11.2. Lanqas ghandu kuntatt ma' nies barra mill-habs;

1.12. Illi ghalkemm gie suggett ghal divers "strip searches" qatt ma instab xejn illegali;

1.13. Illi l-iskop tal-istess hu wiehed intimidattiv, intizi biex iwaqqfuh milli jiehu passi kontra l-awtoritajiet tal-habs;

1.14. Illi f'dan it-tfitxijiet ikkonfiskawlu:

1.14.1. *"Laptop"* li ghadu ma giex ritornat lilu;

1.14.2. Zewg fannijiet tal-elettriku;

1.15. Illi *di piu`*, l-istess awtoritajiet tilfulu jew serqulu diversi oggetti ohra;

1.16. Illi gie mwaqqaf milli jahdem u jistudju fil-habs kif kien jaghmel qabel;

1.17. Illi dan l-agir tal-intimati hu illegali u jammonta ghal matrattament serju li jikser id-drittijiet fundamentali tieghu;

1.18. Illi ghaldaqstant, adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.18.1. Tiddikjara li gew vjolati d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa ''l quddiem il-Konvenzjoni);

1.18.2. Taghti r-rimedji li jidrilha xierqa;

1.18.3. Tillikwida l-kunpens relattiv ghad-danni sofferti;

1.18.4. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont hekk likwidat lir-rikkorrenti;

1.18.5. Bl-ispejjez;

2. Rat id-digriet taghha datat it-2 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 12);

3.0. Rat ir-risposta datata il-15 ta' Dicembru, 2015, li permezz taghha l-persuna dak iz-zmien inkarigata mit-tmexxija tal-Facilita` Korrettiva *de quo* sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 20):

3.1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti m'ezawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih *stante* li:

3.1.1. Ghandu proceduri pendenti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet zghar;

3.2. Illi ghalhekk, *ai termini* tal-artiklu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-qorti ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors odjern;

3.3. Illi fil-mertu sintetikament jissottometti s-segwenti: (ara foll 21):

3.3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhom l-ebda fondament guridiku;

3.3.2. Illi l-lanjanzi identifikati la jikkostitwixxu tortura u lanqas trattament inuman jew degradanti;

3.3.3. Illi mid-29 t'Awwissu, 2008, ir-rikorrenti qed jiskonta sentenza fil-Facilita` *de quo* wara li nstab hati ta' traffikar ta' droga;

3.3.4. Illi r-rikorrenti hu suggett ghar-regolamenti tal-istess Facilita` bhal kull detenut iehor;

3.3.5. Illi b'daqshekk ma jfissirx li gie suggett ghal trattament inuman u degradanti;

3.3.6. Illi fil-konfront tar-rikorrenti l-awtoritajiet koncernati dejjem imxew mal-provedimenti tal-Kap 260;

3.3.7. Illi rigward l-oggetti personali involuti jinghad is-segwenti:

3.3.7.i. Illi bhal dawk ta' kull detenut iehor, dawn jinzammu mill-awtoritajiet tal-istess Facilita`;

3.3.7.ii. Illi dawn jigu elenkati f'registru appozitu mal-wassla ta' kull detenut;

3.3.7.iii. Illi l-istess detenut jikkonferma l-istess elenku fil-presenza ta' ufficjal inkarigat permezz tal-firma tieghu;

3.3.7.iv. Illi ghalhekk l-oggetti *de quo* qatt ma jistghu jintilfu jew jinsterqu;

3.3.8. Illi rigward il-*"laptop"* in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

3.3.8.i. Illi minn spezzjoni fl-istess instab materjal pornografiku fih;

3.3.8.ii. Illi ghalhekk l-istess apparat elettroniku gie temporanjament konfiskat;

3.3.8.iii. Illi tali konfiska temporanja mhix ekwivalenti ghal trattament inuman jew degradanti;

3.3.8.iv. Illi dan il-pass ittiehed wara li l-istess rikorrenti kien inghata diversi twissijiet fir-rigward mill-Bord tal-istess Facilita` wara li irrizulta li instab materjal simili f'okkazjonijiet ohra;

3.3.8.v. Illi ghalhekk tali agir kien juri insubordinazzjoni ghall-ordnijiet legittimi moghtija lilu fir-rigward;

3.3.9. Illi rigward tal-fannijiet lamentati jirrizulta li minn tfitxija kondotta fic-cella tar-rikorrenti instabu numru ta' fannijiet aktar minn dak awtorizzat u dawn gew konfiskati;

3.3.10. Illi dan ma jfissirx li dawn il-fannijiet gew misruqa mill-awtoritajiet;

3.3.11. Illi t-tfitxijiet li jsiru fil-Facilita` *de quo* isiru:

3.3.11.i. Bhala mezz ta' sigurta`;

3.3.11.ii. *Ai termini* tal-ligi, (Ligi Sussidjarja 260.03);

3.3.12. Illi dawn it-tfitxijiet ma jammontawx ghal trattament inuman jew degradanti, ghaliex dawn:

3.3.12.i. Huma mizuri ragonevoli;

3.3.12.ii. Huma mizuri gustifikabbli f'facilita` korrettiva;

3.3.12.iii. B'hekk l-awtoritajiet *de quo* jaccertaw ruhhom li d-detenuti ma jkollhomx

oggetti projbiti fil-pussess taghhom li jistghu jkunu ta' periklu ghalihom jew ghal haddiehor;

3.3.13. Illi l-allegazzjoni li gie mizmum milli jahdem jew jistudja mhix sostenibbli *stante* li jirrizulta li ma kompliex jistudja minn jeddu;

3.3.14. Illi fir-rigward tar-rimedju mitlub jinghad sintetikament is-segwenti, (ara foll 22):

3.3.14.i. Illi l-iskop insitu ghall-istess hu li jinstabu *standards* fir-rigward, liema *standards* huma rimedju fih innifshu;

3.3.14.ii. Illi kemm -il darba jista' jinstab ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun rimedju sufficjenti, (ara **Il-Pulizija vs. Dr. Noel Arrigo et**, **Qorti Kostituzzjonali**, datata d-**29 t'Ottubru, 2003**);

3.4. Illi ghalhekk, stante, li l-lanjanzi sottolineati mir-rikorrenti ma jiksrux l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni, l-istess lanjanzi huma insostenibbli;

3.5. Salv risposti ulterjuri;

3.6. Illi konsegwentement jitlob din il-qorti:

3.6.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

3.6.2. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat il-5 t'April, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-procedura odjerna bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 307);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-15 ta' Mejju, 2017, (ara foll 310), flimkien man-nota ta'

sottomissjonijiet tal-intimat datata t-23 ta' Gunju, 2017, (ara foll 328);

6. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-28 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti minnhom ipprezentati, (ara foll 339);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi essenzjalment il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti jilmenta li bl-agir tal-ufficjali tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin minnu lamentat inkisrulu d-drittijiet fundamentali tieghu *ai termini* tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni;

9.2. Illi r-rikorrenti qieghed prezentement jirrisjedi fl-imsemmija facilita` wara li kien instab hati ta' traffikar ta' droga minn Spanja ghal Malta b'sentenza ta' prigunerija datata d-29 t'Awwissu, 2008, (ara foll 21, 57, 137 u 164);

Ikkunsidrat:

**A. Eccezzjoni Preliminari re in-Nuqqas t'Ezawriment tar-Rimedju:**

10.0. Illi rigward l-eccezzjoni ta' natura preliminari sollevata mill-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi din l-eccezzjoni tirrizulta li hi limitata ghall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li insterqulu xi affarijiet tieghu li kienu fil-kustodja tal-intimat, (ara foll 20);

10.2. Illi a skans ta' dilungar inutili taghmel referenza ghad-direzzjoni gurisprudenzjali moghtija fis-

sentenza tal-**Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem**, (minn issa 'l quddiem il-**Qorti ta' Strasburgu**), datata l-**24 ta' Lulju**, **2014**, fl-ismijiet **Brincat and Others vs. Malta** fejn hemmhekk giet respinta l-istess oggezzjoni hawn sottomessa mill-intimat, hemm sottomessa mill-Gvern, meta sostna li ma kienux gew ezawriti r-rimedju ordinarji, u allura per konsegwenza, r-rikorrenti ma setghux jipprocedu f'dik id-direzzjoni hemm intrapriza;

10.3. Illi f'dik l-okkazjoni l-Qorti ta' Strasburgu ikkunsidrat fit-tul din l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Gvern fir-rigward tan-nuqqas mir-rikorrenti li jezawrixxu r-rimedji kollha ta' natura domestika u ikkonkludiet li bl-intavolar ta' procedura wahda, (senjatament dik Kostituzzjonali), minflok tnejn, (dik ordinarja u dik Kostituzzjonali), xorta wahda jkunu servuti l-interessi tal-ekonomija tal-gudizzju gialadarba fil-procedura Kostituzzjonali jinghata l-hekk imsejjah *"full range of redress"*;

10.4. Illi in vista tal-istess, l-istess qorti insinji ikkonkludiet li bl-istess intavolar tal-kawza kostituzzjonali r-rikorrenti hemm involuti kienu effettivament ezawrew ir-rimedji ordinarji taghhom ghall-finijiet tal-ilment minnhom hemm sottomess;

10.5. Illi fid-dawl tas-suespost il-**Qorti Kostituzzjonali** lokali mill-ewwel adegwat ruhha ghad-direzzjoni moghtija mill-**Qorti ta' Strasburgu** u allineat ruhha mal-istess insenjament, meta fil-kawza fl-ismijiet **George Spiteri et vs. *Policy Manager*** tal-**Malta Shipyards** fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura datata s-**27 ta' Marzu, 2015**, irriteniet is-segwenti:

> "... tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza imsemmija ta' **Brincat and Others vs. Malta** din il-qorti hi tal-

fehma li fic-cirkostanzi kif issa zviluppaw ma hux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jezercitaw is-setghat taghhom kif previst fl-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom ir-rikorrenti appellanti";

10.6. Illi konsegwentement din ir-risposta preliminari sollevata mill-intimat ghandha tigi respinta;

10.7. Illi ghalhekk minflok taghzel li tezercita s-setghat kostituzzjonali impost fuqha *ai termini* tal-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni flimkine mal-*proviso* tal-artiklu 4 (2) tal-Kap 319 fuq riferit;

Ikkunsidrat:

**B. Il-Mertu:**

11.0. Illi f'dan ir-rigward isir l-ewwel rikors ghas-segwenti referenzi bil-ghan li mill-istess insenjamenti jkunu jistghu jigu karpiti l-principji fundamentali fir-rigward li fuqhom wiehed necessarjament irid jistabbilixxi l-edifizzju kurjali tieghu;

11.1. Sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Paul Caruana vs. Direttur tal-Habs u l-Avukat Generali**, datata l-**31 t'Ottubru, 2014**, fejn gie ritenut is-segwenti:

"L-artiklu 3 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni jittrattaw minn tipi differenti ta' mgieba projbita li kull wahda minnhom tirrifletti grad ta' severita` wiehed ikbar mill-iehor. L-artiklu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi t-tortura, t-trattament inuman, u t-trattament degradanti, waqt li l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taht l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ghaliex it-tortura certament dejjem u f'kull kaz tammonta tal-

anqas ghal trattament inuman u degradanti, (ara **Qorti Kostituzzjonali**: **Alfred Degiorgio et vs. Avukat Generali et**, datata l-**5 t'April, 2014**; **Qorti Kostituzzjonali**: **Giuseppa Galea vs. Segretarju tad-Djar**, datata l-**20 ta' Lulju, 1977**; **Fenech vs. Kummissarju tal-Pulizija**, datata l-**20 ta' Frar, 1979**; **Wilch vs. Segretarju Parlamentari ghad-Djar et**, datata l-**11 t'Ottubru, 1989**; **Qorti ta' Strasburgu**: **Mostipan vs. Russia** datata s-**16 t'Ottubru, 2014**, u **"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights": 4th ed. van Dijk, van Hoof and Leo Swaak eds.**, p. 406);

"Illi l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni... u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni ... jipprovdu li l-ebda persuna ma ghandha tigi assoggettata ghall-piena jew trattament inuman jew degradanti

11.2. Sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Alfred Degiorgio et vs. Avukat Generali et**, datata l-**5 t'April, 2013**, fejn gie ritenut is-segwenti:

"Sabiex trattament jaqa' fil-parametri tal-artiklu 3 jehtieg li dak it-trattament jilhaq minimu ta' severita` li l-apprezzament tieghu huwa necessarjament wiehed relattiv li jiddependi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz bhan-natura tat-trattament, il-kuntest tieghu, il-mod ta' esekuzzjoni, d-duratura, l-effetti fizici u morali, u f'certi cirkostanzi jistghu jkunu wkoll relevanti is-sess, eta`, u stat ta' sahha tal-vittma, (ara **Qorti ta' Strasburgu**, **Ranineu vs. Finland**, datata s-**16 ta' Dicembru, 1997**). B'danakollu, s-sofferenza u l-umiljazzjoni involuta biex taqa' fil-parametri tal-artiklu 3 imsemmi jridu jmorru oltre dak l-element ta' sofferenza u umiljazzjoni necessarjament allaccjati ma' xi forma partikolari ta' trattament legittimu jew piena, (ara **Qorti ta' Strasburgu Kudla vs. Poland** datata s-**26 t'Ottubru, 2000**, ♯92 u sentenzi hemm citati). Mizuri li jnehhu l-liberta` tal-persuna ta'

spiss jinvolvu elementi bhal dawk imsemmija izda, minkejja dan, il-modalita` tal-esekuzzjoni ta' mizura legittima ma ghandiex tassoggetta lill-persuna ghal tbatija ta' intensita` tali li teccedi dak il-livell inevitabbli ta' sofferenza inerenti f'dik il-mizura, (ibid: ♯93 – 94).

"Trattament jitqies inuman meta tal-anqas jikkaguna lill-persuna sofferenza fizika jew psikika intensa anki jekk minghajr ma jikkaguna xi feriti jew offizi fuq il-gisem. Dan it-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biza', angoxxia u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-rezistenza fizika jew morali tieghu. Dak li umbaghad jiddistingwi t-tortura minn trattament inuman jew degradanti huwa l-grad ta' intensita` akbar tas-sofferenza li tigi inflitta fit-tortura karatterizzata b'ghemil deliberat li jikkaguna sofferenza mill-aktar serja u kiefra, (ara **Qorti ta' Strasburgu, Ireland vs. UK**, datata t-**18 ta' Jannar, 1978**, ♯167). Minbarra l-element tal-grad sever tas-sofferenza kkagunata element iehor li gie identifikat bhala karatteristiku tat-tortura huwa l-fatt li t-tortura tigi inflitta bil-ghan li jintlahaq ghan preciz bhal li tigi akkwistata xi informazzjoni, jew biex tippenalizza jew tintimida lil xi hadd, (ara **Qorti ta' Strasburgu, Salman vs. Turkey** datata s-**27 ta' Gunju, 2000**, ♯ 114);

Ikkunsidrat:

12. Illi tenut kont tal-principji hekk gurisprudenzjalment elenkati, jigu issa ezaminati r-rizultanzi fattwali tal-kawza odjerna biex b'hekk jigi stabbilit jekk it-talbiet tar-rikorrenti jimmeritawx li jigu akkolti;

13.0. Illi l-ilmenti indirizzati mir-rikorrenti jirrizultaw li huma sintetikament is-segwenti:

13.1. **Telefonati**, (ara paragrafu numru erbatax, (14.), aktar 'l quddiem);

13.2. Kif jindirizza lis-**superjuri** tieghu, (ara paragrafu hmistax (15), aktar 'l quddiem;

13.3. Ikel servut, (ara paragrafu numru dsatax (19.) aktar 'l quddiem);

13.4. **"Strip Searches"** (ara paragrafu numru ghoxrin (20.) aktar 'l quddiem);

13.5. **Konfiska ta' Proprjeta`**, (ara paragrafu numru wiehed u ghoxrin (21.) aktar ''l quddiem);

13.6. **Serq t'Oggetti**, (ara paragrafu numru tnejn u ghoxrin, (22.) aktar 'l quddiem);

13.7. Imwaqqaf milli jistudja u jahdem, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin, (23.), aktar 'l quddiem);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fir-rigward tat-telefonati jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi r-rikorrenti jafferma li meta l-familjari tieghu kienu jcemplulu, l-persuni inkarigati mill-Facilita` *de quo* ma kienux jghaddulu dawn it-telefonati, (ara foll 35);

14.2. Illi jsosstni li meta  mar jilmenta fir-rigward, minflok li nghata sodisfazzjon, inghata disgha u erbghin (49) gurnata maqful fil-*"Maximum Security Division"*, (ara foll 35);

15.0. Illi fir-rigward ta' kif jindirizza **lis-superjuri** tieghu jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi f'Gunju, 2012, waqt li kien il-*gym* marru tliet (3) ufficjali fuqu u ordnawlu jmur maghhom, (ara foll 36);

15.2. Illi dawn eskortawh fic-cella tieghu fejn ikkonducew tfitxija, (ara foll 36);

15.3. Illi sussegwentement jallega li spicca disgha u hamsin (59) gurnata izolat fil-*"Maximum Security Division"*, (ara foll 36);

15.4. Illi meta staqsa ghar-raguni ghal dan, wara gimghatejn kien infurmat li dan gara ghaliex kien qal il-kliem *"yes sir"* minflok *"sir"*, (ara foll 36);

Ikkunsidrat:

16. Illi l-incidenti fuq deskritti jirrizultaw pjuttost inkonklussivi *stante* li baqghu fl-isfera tal-allegazzjoni biss;

17. Illi in effetti lanqas il-post allegat tal-*"Maximum Security Division"* li ghaliha jirreferi r-rikorrenti ma gie identifikat;

18. Illi ghalkemm ir-rikorrenti isosstni li minhabba l-incidenti fuq indikati kien gie trasferit, minn cella ghal ohra, issir referenza ghax-xhieda tal-intimat Direttur ikkoncernat li f'dan ir-rigward isosstni li r-ragunijiet ghaliex detenut jigi trasferit minn cella ghal ohra ivarjaw u fosthom jista' jkun hemm ragunijiet:

> "... ta' sigurta`, ta' dixxiplina, u jista' jkun ghal skopijiet ta' management ahjar tac-cella. Fil-fatt trasferimenti fil-Facilita` Korrettiva jsiru b'mod regolari kwazi kuljum anzi, nista' nafferma, li jsiru kuljum", (ara foll 136);

Ikkunsidrat:

19.0. Illi rigward l-**ikel servut** jinghad is-segwenti:

19.1. Illi r-rikorrenti jallega li ghaliex ilmenta fuq l-ikel servut tad-detenut kien punit billi kien ordnat joqghod f'izolament ghall-perjodu ta' mitt (100) jum fl-istess *"Maximum Security Division"* u thalla ghall-perjodu bil-qalziet ta' taht biss, (ara foll 36 u 37);

19.2. Illi anke f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jonqos li jipprova dak minnu allegat *stante* li minflok jirrizulta li l-mizuri mehuda fil-konfront tieghu ma kienux ghar-ragunijiet minnu

ppostulati izda ghaliex beda jgib ruhhu b'mod li kien qed juri li ried iwegga' lilu nnifsu u jtemm hajtu billi jaqbez minn gholi ta' tliet (3) sulari, (ara foll 72, 73, 111, 121, 122, 126, 127 u 128);

19.3. Illi *di piu`*, jirrizulta li fic-cella ta' izolament, jew kif jirreferu ghaliha l-istess ufficjali fid-depozizzjonijiet taghhom, is-*Single Room*, jintbaghtu biss dawk hekk ordnati b'ordni specifiku tat-Tabib tal-Facilita` *de quo*, (ara fol 125 u 80);

19.4. Illi in effetti jirrizulta li r-rikorrenti tnehha mill-izolament *de quo* meta ikkalma, u dan ukoll kien b'rizultat tal-intervent tat-tabib ikkoncernat, (ara foll 125);

19.5. Illi kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrenti li sussegwentement kien intbaghat fid-Divizjoni Numru 6 – divizjoni b'sigurta` massima – (ara foll 37), ir-rikorrenti minflok intbaghat fid-Divizjoni Numru 5, (ara foll 76 u 78);

19.6. Illi jirrizulta minflok li r-rikorrenti qatt ma kien mizmum fid-Divizjoni numru 6, (ara foll 110 u 159);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi fir-rigward tal-*iStrip Searches* jinghad is-segwenti:

20.1. Illi r-rikorrenti jilmenta mill-fatt li sarulu diversi tfitxijiet invazivi mill-awtoritajiet tal-Facilita` de quo, (ara foll 37);

20.2. Illi kif ritenut mid-Direttur intimat, l-istess tip ta' tfitxija tista' tkun necessitata mic-cirkostanzi, fosthom minhabba ragunijiet ta' sigurta`;

20.3. Illi dwar il-legalita` ta' dan it-tip ta' tfitxija, issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Yankov vs. Bulgaria** datat il-**11 ta' Dicembru, 2003**, li tghid:

"110. In respect of other acts affecting the dignity of detainees, the Court has held

that whilst *strip searches* may be necessary on occasion to ensure prison security or prevent disorder or crime, they must be conducted in an appropriate manner and must be justified. Even single occasion of *strip searches* have been found to amount to degrading treatment in view of the manner in which the *strip searches* was carried out, the possibility that its aim was to humiliate and debase and the lack of justification (See *Volasinas* ... and **Iwanczuk vs. Poland, no. 25196/94**, **15 November, 2001**). In the case of **Van der Ven vs. the Netherlands (no. 50901/99, ECHR 2003 - ...**), *strip searches*, albeit carried out in a "normal" manner, had a degrading effect and violated article 3 of the Convention as they were performed systematically on a weekly basis as a matter of practice which lacked clear justification in the particular case of the applicant";

20.4. Illi in linea mas-suespost jirrizulta pacifiku li *strip searches* jistghu ghalhekk ikunu mehtiega ghall-finijiet ta' sigurta` fil-habs;

20.5. Illi pero`, *nonostante* dan, dawn it-tip ta' tfitxijiet ghandhom dejjem ikunu kondotti;

20.5.1. B'mod xieraq;

20.5.2. B'mod gustifikat;

20.5.3. B'mod li ma jumiljawx lid-detenut;

20.6. Illi meta, bhal fil-kaz individwat mill-Qorti ta' Strasburgu fuq citata, *strip search* issir:

20.6.1. B'mod mhux gustifikat;

20.6.2. B’mod sistematiku; u

20.6.3. Bil-ghan li zzeblah u tumilja lid-detenut;

allura, tali tfitxija intima tammonta ghall-vjolazzjoni tal-artiklu 3 tal-Konvenzjoni;

20.7. Illi kif ritenut mill-intimat fir-risposta tieghu, l-istrip searches kondotti fuq ir-rikorrenti saru fil-limiti statutorji imposti, senjatament in konformita` mal-legislazzjoni sussidjarja involuta 260.03, Regolamenti dwar il-Habs, (ara foll 22);

20.8. Illi konsegwentement, la tali ftixijiet saru in konformita` mar-Regolamenti indikati fil-paragrafu precedenti u minghajr ma jirrizulta li kien hemm l-animu nefast indikat fis-sentenza tal-Qorti ta’ Strasburgu fuq citata, allura r-rikorrenti ma pprovax li l-istess tfitxijiet intimi li saru fuqu kienu jammontaw ghal trattament inuman jew degradanti;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi fil-konfront tal-ilment rigwardanti l-**konfiska tal-proprjeta`** tal-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi l-ilment *de quo* jirrigwarda l-konfiska ta’ fannijiet u *laptop* misjuba fil-pussess tal-intimat, (ara foll 2);

21.2. Illi fir-rigward tal-fannijiet in dizamina l-intimat wiegeb li wara spezzjoni fic-cella tar-rikorrenti nstab li dan kellu numru ta’ fannijiiet aktar minn dak li detenut hu awtorizzat li jzomm, u kien ghalhekk li dawn il-fannijiet in dizamina in eccess gew ikkonfiskati, (ara foll 22);

21.3. Illi l-istess rikorrenti thalla l-uzu ta’ *fan* wiehed, bhal detenuti ohra, (ara foll 165);

21.4. Illi fir-rigward tal-laptop lamentat mir-rikorrenti jirrizulta li minn tfitxija li saret fl-istess mill-awtorita` kompetenti nstab li r-rikorrenti hemmhekk kellu materjal pornografiku, (ara foll 165);

21.5. Illi kif isir ma' kull detenut iehor fl-istess cirkostanzi dan il-*laptop* kien konsfiskat, (ara foll 165);

21.6. Illi sussegwentement l-istess *laptop* kien imnaddaf mill-materjal *de quo*, (ara foll 165);

21.7. Illi jirrizulta mix-xhieda tad-Direttur intimat li wara l-istess operazzjoni ta' tindif fuq riferita, l-istess *laptop*, kuntrarju ghal dak affermat mir-rikorrenti, (ara foll 2), l-imsemmi *laptop* kien gie ritornat lura lir-rikorrenti fid-29 ta' Jannar, 2011, (ara foll 165);

21.8. Illi in vista tas-suespost jirrizulta pacifiku li anke f'dan ir-rigward ingiebu ragunijiet sufficjenti li fir-rigward l-intimat ma gabx ruhhu b'mod inuman jew degradanti fil-konfront tal-intimat, u li l-passi mehuda mill-istess fir-rigward kienu fit-termini statutorji fuq riferiti u ttiehdu ghal ragunijiet serji u gustifikabbli;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi fir-rigward tal-allegat serq t'oggetti reklamat mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

22.1. Illi r-rikorrenti jsosstni li minhabba li kien jilmenta li kien qed jigi kastigat minghajr raguni, allura safa' misruq;

22.2. Illi di piu`, isosstni wkoll li minhabba f'hekk kien ukoll jintbaghat f'izolament, (ara foll 37);

22.3. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ma jirrizultawx suffragati mir-rizultanzi *in atti*;

22.4. Illi minflok jirrizulta s-segwenti:

22.4.1. Illi r-rikorrenti irrezista it-trasferiment mic-cella tieghu ghal ohra, (ara foll 50);

22.4.2. Illi meta kien qieghed jigi eskortat minn cella fit-tielet (3) sular ghal ohra, wera intenzjonijiet suicidi billi ghamel diversi tentattivi biex jaqbez

mit-tielet (3) sular ghal isfel u kellu jigi mrazzan ghall-gid tieghu stess, (ara foll 111, 123 u 142);

22.5. Illi rigward l-oggetti in dizamina jirrizulta li r-rikorrenti ddahhal il-habs fid-29 t'Awwissu, 2008, (ara foll 164);

22.6. Illi l-oggetti ta' valur li r-rikorrenti kellu mieghu ittihdulu b'mod normali bhal ma jsir f'kaz simili, u gew elenkati espressament f'registru appozitu, (ara foll 164, 167 u 168);

22.7. Illi l-istess elenku jirrizulta li hu iffirmat mill-ufficjal inkarigat addett fil-gurnata in kwistjoni u mir-rikorrenti stess;

22.8. Illi ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrenti ukoll jirrizulta li ma giex debitament ipprovat;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti li **twaqqaf milli jistudja u jahdem** jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi ghalkemm ir-rikorrenti jilmenta li twaqqaf milli jahdem, (ara foll 2), fl-istess hin jilmenta li gie skjavizzat, (ara foll 39);

23.2. Illi tali affermazzjonijiet, anke bil-gurament, jirrizultaw kontradittorji;

23.3. Illi *di piu`*, ghalkemm jallega tali affermazzjonijiet, l-istess rikorrenti jonqos milli jipprova dak minnu allegat;

23.4. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqas ukoll jipprova skont il-ligi l-fatti indirizzati taht dan il-kap;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ipprovax it-talbiet minnu allegati f'din il-procedura, u konsegwentement:

**DECIDE:**

24.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

24.2. Takkolji t-talbiet tal-intimat, bl-eccezzjoni ta' dik preliminari tiegħu li għar-raġunijiet fuq esposti qed tiġi respinta;

24.3. Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra r-rikorrenti.

________________________

Onor. Imħallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**